# WILLIAM HICKLING PRESCOTT

*Ta'* Ġuż : Dimech Debono

BNIEDEM kbir li jistħoqqlu l-ġieħ tagħna l-Maltin, mhux biss għax mid-dinja huwa magħruf bħala Bniedem Kbir, imma wkoll għax tana l-ġieħ li jistħoqqilna, huwa bla dubju William Hickling Prescott.

William Hickling Prescott kien Amerikan li twieled nhar l-4 ta' Mejju, 1796, ġewwa Salem, Massachusettes.

Għadda ż-żmien minn fuqu bħalma jgħaddi minn fuq kull maħluq ieħor. U hekk fl-1821 insibuh żagħżugħ ta' 25 sena, jagħtiha għall-kitba bl-ewwel xogħol tiegħu mxandar fin-"North Amereican Review", għamla ta' reċensjoni ta' l-Ittri ta' Byron lil Pope.

Is-suċċessi tiegħu fil-Letteratura kienu ġmielhom, imma influwenzat kif safa' mill-qari ta' l-"Observations sur l'Histoire" miktubin minn Mably, huwa ntefa' fuq il-kitba storika.

Dam ħafna jtella' u jniżżel dwar kif sa jibda jittratta s-suġġett ġdid tiegħu billi kieku ma riedx jikteb dwar postijiet u persunaġġi li forsi oħrajn xebgħu jiktbu dwarhom.

Għalhekk f'Jannar tas-sena 1826 ħasibha tajjeb li jidħol għax-xogħol ta' l-Istorja Spanjola.

Bħalma għalih, imbiegħed kif kien f'dinja oħra, il-kitba ta' l-Istorja Spanjola kienet suġġett tqil, hekk ukoll ħass li dik l-istess kitba dwar ġens qawwi, li ma ħalliex l-Amerika tibqa' maqtugħa mill-bqija tad-dinja bħala blata mitlufa f'nofs ta' baħar, għandha tkun interessanti kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerika.

Għalhekk fis-6 ta' Ottubru, 1829, ta rkaptu għax-xogħol li jismu : "History of the Reign of Ferdinand and Isabella" billi kien Frdinandu V ta' Spanja li bagħat ifittex l-art jew aħjar id-dinja l-ġdida lilu msemmija minn Kristofru Colombo.

Il-kittieba jgħidulna li huwa spiċċa dak il-ktieb seba' snin

wara l-25 ta' Ġunju, 1836, imma dam sena oħra jnaqqas, ibiddel jew iżid wara li kien kiteb l-aħħar vers tiegħu.

F'dik l-istess sena, 1837, huwa ħareġ *essay* bl-isem "Cervantes". Imma l-kobor ta' Prescott bħala storjografu, sebaq kollox, u mill-ewwel ġie magħdud ma' l-istorjografi l-kbar.

Kien bil-ħsieb jikteb il-ħajja ta' Moliere, imma mbagħad għażel li jikteb il-"Ġrajja tar-Rebħa tal-Messiku" — "History of the Conquest of Mexico", biex ikun pariġġ ix-xogħol storiku tiegħu ta' qabel.

Ġara, mela, li Washington Irving, l-awtur ta' ħajjiet Goldsmith, Colombo, Mohammed u Washington, kellu kollox lest biex huwa jikteb dwar l-isteses suġġett.

B'danakollu, biex f'hekk ma jfixkilx lilu, William Hickling Prescott ġie mħolli jiktbilna waħdu bla rivalità.

F'dan ix-xogħol tiegħu hu ġebbed ħames snin oħra, jaqbad u jitlaq biex jikteb reċensjonijiet kif ukoll biex jerġa' jikteb filqosor il-ktieb tiegħu "Ferdinand and Isabella", li riedu jintlaħaq minn kulħadd.

Kien ix-xahar ta' Diċembru, 1845, meta l-imsemmi ktieb "Conquest of Mexico" tfaċċa mżejjen b'suċċess li issa l-fama tiegħu bħala kittieb kienet mhux biss tistħoqq, imma wkoll birraġun kollu tippretendi.

Huwa biżżejjed ngħidu li s-suċċessi li kellu ħajruh, anzi ġennuh, biex f'inqas minn tliet xhur beda ktieb ieħor bl-isem "The Conquet of Perù" — "Ir-Rebħa ta' Perù".

Aktar milli f'art jew artijiet oħra fejn huwa mitkellem l-Ingliż, il-kobor ta' ħiltu ssemma f'artijiet oħra wkoll.

Infatti fi Frar tas-sena 1845 huwa ġie magħruf bil-ħatra tiegħu bħala membru tal-Kulleġġ Franċiż u wkoll tas-Soċjetà Rjali ta' Berlin; fil-kas ta' l-ewwel minflok l-istorjografu Spanjol Navarrete.

Ma' dħul ix-xitwa huwa kien qiegħed jaħseb biex fl-Ingilterra joħroġ l-istess "Critical and Historical Essays" li fi New York ħareġ bl-isem ta' "Biographical and Historical Miscellanies".

F'Novembru ta' l-1846 lesta l-ktieb "The Conquest of Perù" li ħareġ f'Marzu ta' wara.

Is-suċċess ta' Prescott b'dak il-ktieb tiegħu kien hekk kbir li malajr ġie maqlub bil-Franċiż, Spanjol, Ġermaniż u Olandiż;

barra milli bl-Ingliż ġie mxandar f'New York, Londra u Pariġi.

Imma l-kewkba tal-ġieh tiegħu kien għad fadlilha x'titla' iżjed 'il fuq billi waslet fl-aqwa tagħha meta dak il-ktieb li ma rnexxilux jara komplut għalkemm kien ilu għomor jiġbor tagħrif għal ġo fih.

Kien Marzu tas-sena 1848 meta b'kuraġġ karatteristiku, li kien tiegħu, huwa ntefa' għal dan ix-xogħol tassew kbir.

Bil-għajnuna ta,' Don Pascual de Gayangos, Professur tal-Letteratura Għarbija ġewwa Madrid, huwa ġie mogħni b'tagħrif miġbur mhux biss mill-Arkivju Pubbliku ta' Spanja, imma wkoll mingħand l-aqwa familji Spanjoli.

Quddiem dawn il-fatti kollha huwa magħruf biżżejjed li s-suġġett ta' dak l-aqwa ktieb tiegħu huwa għal darb'oħra xi ġrajja Spanjola.

Meta, imbagħad, nafu li s-suġġett huwa l-ġrajja ta' Filippu II, allura l-interess tagħna l-Maltin f'dan il-ktieb jikber u jiżdied dejjem aktar.

Għax minn kittieb serju u tal-ħaqq bħalu, ma kien hemm l-ebda dubju li sehem Artna għall-fidwa tad-Dinja Nisranija kien sa jiġi mfakkar u jingħad skond il-verità kollha kif għandu jkun.

Lulju ta' l-1849 kien iż-żmien meta beda bis-serjetà dak ix-xogħol li riedu jisboq kull xogħol ieħor tiegħu.

Biex ikun strieħ xi ftit qabel, huwa mar għadda btala fl-Ingilterra fejn, meta ra kemm bħala kittieb kbir kien stmat, huwa kompla għamel kuraġġ fil-kitba tiegħu.

F'Novembru ta' l-1855, jiġifieri sitt snin u erba' xhur wara, huwa rnexxielu joħroġ l-ewwel żewġ volumi tal-ktieb imsemmi u li nħatfu fi żmien tassew qasir.

Inħatfu u ġew maqlubin f'kemm ilsien ieħor, fosthom l-Ilsien Malti, l-aktar fejn għandna x'naqsmu aħna l-Maltin.

L-Assedju ta' Malta, kif huwa minnu miktub, ġie minna l-Maltin maqlub fl-Ilsien Nazzjonali tagħna kif ukoll bit-Taljan bħala l-Ilsien barrani li aħna nafu l-aktar wara l-Malti u l-Ingliż.

Mela, kif rajna, is-suċċessi tiegħu kienu kbar, imma żgur li kienu wisq akbar milli kieku kiteb dawk il-kotba tiegħu mill-aqwa, u ma kitibhomx taħt iċ-ċirkostanzi li kien kostrett jiktibhom, la l-forza tad-destin riedet minnu hekk.

Għax ġara li, għalkemm ma kienx gwerrier li mexxa xi taqbid kif għamel nannuh fil-battalja ta' Bunker Hill, huwa ġie

ferut xorta waħda billi safa agħma minn għajnu l-waħda meta ġie milqut minn tfigħ ta' biċċa qoxra tal-ħobż ġo Harvard Commons.

Minkejja dan l-għawġ li waqa' fuqu, huwa kompla bl-istudji tiegħu biex kieku jilħaq avukat bħal missieru.

U kos tassew, fl-1814 ħa bl-unuri kollha l-lawrja fil-Liġi kif mhux ftit kien mixtieq minnu.

Imma din il-ħolma ta' ferħ kienet wisq qasira għalih, għax l-għawġ li waqa' fih ma ħalliehx kwiet, u fixkillu l-karriera li fuqha kien bena l-ħsieb tal-ġejjieni kollu tiegħu.

Xtaq li kieku jkompli, imma l-fehma tat-tobba kienet li ma jridx jaħqar 'l għajnu l-oħra bi studju u l-qari ta' kotba jekk ma jridx jitlef id-dawl minnha wkoll.

Kontra qalbu Prescott kellu jagħti l-ġenb lil kull ħajra li ħass biex ikompli fil-professjoni li bħal missieru ikkwalifika fiha.

B'danakollu huwa ma għelibx lilu nnifsu għal kollox f'hekk, għax bl-ebda mod ma seta' jinfatam mill-kotba.

U jekk f'daqqa waħda kellu jgħib minn fost il-professjonisti, huwa beda jitfaċċa bil-mod il-mod fil-kwadru tal-Letteratura.

Aktar ma jikteb, aktar tikber fih il-ħeġġa biex jikteb. Mill-banda l-oħra dawl għajnejh kien dejjem jiddgħajjef.

Ġie f'estremità li biex jikteb, kellu jqabbad min jaqralu, waqt li megħjun bi strumenti tal-għomja, kien iniżżel kif jista' xi noti milli jkunu qrawlu.

Kien, imbagħad, iġiegħel lil min jaqralu u jerġa' jaqralu x'ikun innota sakemm fl-aħħar b'moħħu mħabbel fuq hekk, hu jkun jista' jiddetta f'daqqa lil min kitiblu daqs sittin faċċata lesti għall-istampa.

U b'hekk ħarġu xi xogħlijiet kbar tiegħu tal-pinna li għamluh kbir f'għajnejn id-dinja, u li għadhom jiswew faraġ lil min

bħalu huwa bla ħawl, l-aktar jekk, għax bla ħawl, nesa li huwa wkoll jista' jkun ta' ħtieġa liema bħalha.

Imma billi ħajjitna hija taqbida waħda kontra l-qilla tad-destin, William Hickling Prescott ġarrab attakk ta' puplesija nhar l-4 ta' Frar, 1858, meta kien fl-aqwa tas-suċċessi tiegħu.

Għalkemm kien jaf li tmiem ħajtu qorob, u li għalhekk jaqbillu jistrieħ, huwa kien iħossu jderri jedha fit-tlestija tat-tielet volum tal-"History of Philip II" u xi tiswijiet u żidiet li huwa kien isib x'jagħmel fil-kotba tiegħu bħal fil-"Conquest of Mexico", minnu — kif għidna — miktub qabel.

Hareġ ukoll b'reqqa akbar il-ktieb ta' Robertson dwar Karlu V li tana f'idejn il-Kavalieri ta' San Ġwann, l-Ordni li sal-lum għadu msejjaħ "L-Ordni ta' Malta".

Madwar sena wara, nhar it-28 ta' Jannar, 1859, il-puplesija ħasbet fih darb'oħra, u billi sabitu mikdud bix-xogħol, huwa baqa' vittma tagħha għax miet f'dak l-istess jum wara nofs in-nhar.

William Hickling Prescott miet, imma huwa ħalla lid-dinja intelliġenti eredi tal-kotba magħżula tiegħu, mimlijin kollha qawwa ta' kitba u xejn inqas f'kull tifsir mogħti, għalkemm flok storjografi sodi minn fejn jieħu t-tagħrif tiegħu, huwa sab storjografi li lilhom ħtieġlu jikkorrieġi.

Għax fi ftit kliem, żgħir kien l-għadd ta' storjografi li bħalu kienu jaslu bl-istudju tagħhom ta' tfitxijiet xjentifiċi qabel jagħtuhom f'idejn il-poplu biex kieku, bla ma jkun imqarraq, jitgħallem minnhom.

Mhux ta' b'xejn li fil-ħidma tal-kotba tiegħu kien idum ħamsa, sitta jew seba' snin, għax kien jaf sew li mhux il-kwantità tgħodd, imma l-kwalità.

Jinsab imfakkar minn bosta kittieba oħra bħal George Tickner, R. Ogden, H.T. Peck u oħrajn li kitbulu ħajtu għax għarfu jistmawlu xogħlu, kif għamilna aħna l-Maltin li, għax fil-kitba tiegħu dwar l-ewwel Assedju ta' Malta hu tana l-ġieh li stħoqqilna, aħna dejjem tajnieh il-ġieh li stħoqqlu, l-aktar dan l-aħħar b'tifkira ta' għeluq l-ewwel mitt sena ta' mewtu.